



Brussell, 9 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7139/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0071 (NLE)**

TRANS 133

PROPOSTA

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 9 ta' Marzu 2026

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett: Proposta għal
DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja stabbilita skont l-Artikolu XII tal-Protokoll tal-Lussemburgu għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 122 final.

Mehmuż: COM(2026) 122 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.3.2026
COM(2026) 122 final

2026/0071 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja stabbilita skont l-Artikolu XII tal-Protokoll tal-Lussemburgu għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Vetturi Ferrovjari

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja stabbilita skont l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli ("il-Konvenzjoni ta' Cape Town") u l-Artikolu XII tal-Protokoll għall-Konvenzjoni ta' Cape Town dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji, adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007 ("il-Protokoll tal-Lussemburgu"), b'rabta:

- (1) mal-proposta prevista biex tittieħed nota ta' verżjoni ġdida tar-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovarji (minn hawn' il quddiem ukoll "ir-Regoli Mudell"); u
- (2) mar-reviżjoni prevista tal-Istatuti u r-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità Superviżorja.

It-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja tal-Protokoll tal-Lussemburgu hija skedata li ssir fl-14 ta' April 2026 f'Bern, l-Iżvizzera.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Protokoll tal-Lussemburgu għall-Konvenzjoni ta' Cape Town

2.1.1. Sfond

Il-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji ("il-Protokoll tal-Lussemburgu") ġie adottat minn Konferenza diplomatika, li saret fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007, taħt l-awspiċċi tal-Istitut Internazzjonali għall-Unifikazzjoni tal-Liġi Privata (UNIDROIT, International Institute for the Unification of Private Law) u tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF, Intergovernmental Organisation for International Carriage by Rail). Daħal fis-seħħ fit-8 ta' Marzu 2024.

Il-Protokoll tal-Lussemburgu jistabbilixxi qafas legali dinji għar-rikonossiment, għall-prijoritajiet u għall-infurzar tad-drittijiet tal-kredituri u tal-lokaturi, li għandhom jiġu rreġistrati f'Reġistru Internazzjonali, skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni ta' Cape Town.

B'mod importanti, l-Artikolu XIV tal-Protokoll tal-Lussemburgu jipprevedi l-istabbiliment ta' sistema għall-allokazzjoni tan-numri ta' identifikazzjoni mir-Reġistratur li tippermetti l-identifikazzjoni unika ta' oġġetti ta' vetturi ferrovjarji.

Il-Protokoll joħloq ukoll sistema komuni għall-pussess mill-ġdid¹ tal-assi f' inadempjenza jew f' insolvenza tad-debitur, soġġett għal salvagwardji tal-interess pubbliku. Dan huwa ta' għajjnuna fir-rigward ta' tagħmir mobbli li jaqsam il-fruntieri, filwaqt li jevita l-inċertezzi legali preżenti meta liġi li taħtha jkun ġie ffinanzjat l-assi tiġi kkontestata fil-qrati ta' ġurisdizzjoni oħra, fejn ikun jinsab l-assi. Billi jnaqqas ir-riskji għall-finanzjaturi tat-tagħmir ferrovjarju, il-Protokoll tal-Lussemburgu għandu jattira aktar selliefa privati, u dan jirriżulta f'finanzjament

¹ Skont il-Kapitolu III tal-Konvenzjoni ta' Cape Town u l-Kapitolu II tal-Protokoll tal-Lussemburgu.

orħos, u joħloq għażliet għall-operaturi fir-rigward tal-kostijiet u tat-tipi ta' finanzjament.

Dan għandu jinkoraġġixxi wkoll l-investment kapitali, li min-naħa tiegħu jrawwem il-produzzjoni ta' vetturi ferrovjarji u jiffaċilita l-lokazzjoni ta' vetturi ferrovjarji ġodda u moderni. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2021², il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rrikonoxxa “li huwa meħtieġ investment kbir mis-settur f'vetturi ferrovjarji internazzjonali ta' distanzi twal” u “li huwa meħtieġ investment b'mod urġenti mis-settur privat” filwaqt li jfakkar “lill-Istati Membri bl-eżistenza ta' ftehimiet u trattati internazzjonali li jiffaċilitaw l-investment privat, bħall-Protokoll dwar il-Ferroviji tal-Lussemburgu għall-Konvenzjoni ta' Cape Town [dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli]”.

2.1.2. *L-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea*

L-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-kompetenzi tagħha, approvat il-Protokoll tal-Lussemburgu skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/888/UE tal-4 ta' Diċembru 2014 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq Tagħmir Mobbli għal Kwistjonijiet Speċifiċi tal-Vetturi Ferrovjarji, adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007³, bl-istatus ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika (skont l-Artikolu XXII tal-Protokoll tal-Lussemburgu).

L-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/888/UE fih Dikjarazzjoni dwar il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea fuq kwistjonijiet regolati mill-Protokoll tal-Lussemburgu, li fir-rigward tagħha l-Istati Membri ttrasferew il-kompetenza tagħhom lill-Unjoni. Din tirreferi għal xi oqsma relatati mal-ġurisdizzjoni u marrikonoxximent u mal-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, proċedimenti ta' insolvenza u l-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali, u għal xi oqsma tal-acquis tat-trasport ferrovjarju, b'mod partikolari għall-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja, l-operat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji, is-sistema ta' numerazzjoni tal-vetturi ferrovjarji u r-reġistrazzjoni tal-vetturi fl-UE, koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li ġeja:

- id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea⁴;
- ir-Regolament (UE) Nru 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji⁵;
- ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika ta' interoperabbiltà

² Il-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Energija (Trasport), it-3 ta' Ġunju 2021: “Putting Rail at the Forefront of Smart and Sustainable Mobility” (ST 8790/21).

³ ĠU L 353, 10.12.2014, p. 9, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2014/888/oj>.

⁴ Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (riformulazzjoni) (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/797/oj>).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/796/oj>).

relatata mas-subsistema ta' "operat u għestjoni tat-traffiku" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea⁶;

- id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 tal-25 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷.

Sal-lum, minbarra l-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, l-Iżvezja u Spanja huma l-uniċi Stati Membri tal-UE li bħalissa huma wkoll partijiet għall-Protokoll tal-Lussemburgu.

2.2. L-Awtorità Superviżorja

L-Awtorità Superviżorja hija stabbilita skont l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni ta' Cape Town u skont l-Artikolu XII tal-Protokoll tal-Lussemburgu. Il-kompiti u l-funzjonijiet tagħha, kif derivati mid-dispożizzjonijiet tal-Protokoll tal-Lussemburgu u tal-Artikolu 17(2) tal-Konvenzjoni ta' Cape Town, huma elenkati fl-Artikolu 5 tal-Istatuti tagħha⁸, u essenzjalment jikkonsistu minn kompiti amministrattivi u operazzjonali.

Fis-7 Assemblea Ġenerali (Bern, it-23/1-24 ta' Novembru 2005) u fit-12-il Assemblea Ġenerali (Bern, id-29/it-30 ta' Settembru 2015) tagħha⁹, l-OTIF iddeċidiet li tassumi l-kompiti tas-Segretarjat tal-Awtorità Superviżorja, f'konformità mal-Artikolu XII(6) tal-Protokoll tal-Lussemburgu.

Is-sħubija tal-Awtorità Superviżorja hija ddeterminata f'konformità mal-Artikolu XII(1) tal-Protokoll tal-Lussemburgu. Is-subparagrafu (a) jipprevedi li kull Stat Parti għandu jkun membru, bil-possibbiltà li kull wieħed jaħtar rappreżentant wieħed. Is-subparagrafi (b) u (c) jipprevedu li massimu ta' tliet Stati oħra għandhom jinħatru mill-UNIDROIT u mill-OTIF rispettivament, li t-termini tal-ħatra tagħhom jiskadu mhux aktar tard minn sentejn wara d-data meta l-Protokoll tal-Lussemburgu jidħol fis-seħħ.

2.2.1. Sessjoni inawgurjali tal-Kummissjoni ta' Esperti

Fl-ewwel sessjoni tagħha, l-Awtorità Superviżorja stabbiliet Kummissjoni ta' Esperti biex tassistiha fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, skont l-Artikolu XII(5)(b) tal-Protokoll tal-Lussemburgu u l-Artikolu 6 tal-Istatuti tal-Awtorità Superviżorja. Il-Kummissjoni ta' Esperti tikkonsisti minn individwi li l-Awtorità Superviżorja jidhrilha li għandhom il-kwalifiki, l-għarfien u l-esperjenza meħtieġa għal tali

⁶ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika ta' interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "operat u għestjoni tat-traffiku" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni 2012/757/UE (ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/773/oj).

⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 tal-25 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda u tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE (ĠU L 268, 26.10.2018, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2018/1614/oj).

⁸ L-Istatuti tal-Awtorità Superviżorja (Protokoll tal-Lussemburgu) adottati mill-Awtorità Superviżorja fl-ewwel sessjoni tagħha fit-8 ta' Marzu 2024.

⁹ Assemblée générale AG 12/21 30.09.2015 FINAL DOCUMENT – il-punt 7.5 (https://otif.org/fileadmin/user_upload/otif_verlinkte_files/04_recht/02_Generalversammlung/AG_12_21_document_final_e_add_1-4_.pdf).

pożizzjoni. Dawn jintgħażlu minn persuni nnominati mill-Istati Partijiet, mill-Istati Firmatarji u minn dawk innominati mill-President.

Is-sessjoni inawgurati tal-Kummissjoni ta' Esperti saret f'Novembru 2025. Matul din is-sessjoni, ġew eletti l-President u ż-żewġ Viċi Presidenti. Il-Kummissjoni ta' Esperti ddiskutiet ukoll il-qafas operazzjonali tagħha, inkluż il-mandat u l-arranġamenti ta' ħidma tagħha, irrieżaminat ir-Regolamenti u l-Proċeduri għar-Reġistru Internazzjonali ta' Interessi fil-Vetturi Ferrovarji, u kkunsidrat li tqajjem kuxjenza dwar il-Protokoll tal-Lussemburgu.

Matul is-sessjoni inawgurati tagħha, il-Kummissjoni ta' Esperti nmutat ukoll li l-adozzjoni tar-Reviżjoni 3 tar-Regoli Mudell hija volontarja u qablet li r-Reviżjoni 3 tar-Regoli Mudell trid tiġi ppreżentata lill-Awtorità Superviżorja biex tieħu nota tagħha, peress li qieset li ma kien meħtieġ l-ebda pass formali min-naħa tal-Awtorità Superviżorja fir-rigward ta' din ir-reviżjoni.

2.3. L-atti previsti tal-Awtorità Superviżorja

Matul din it-tielet sessjoni, u fost punti oħra tal-aġenda, l-Awtorità Superviżorja hija mistennija *tieħu nota* ta' verżjoni ġdida tar-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovarji (Reviżjoni 3) u tirrevedi l-Istatuti u r-Regoli ta' Proċedura tagħha stess, f'konformità mal-Artikolu 12 tal-Istatuti u l-Artikolu 18 tar-Regoli ta' Proċedura.

2.3.1. Ir-Regoli Mudell

Dawn ir-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovarji jistabbilixxu l-metodi u r-responsabbiltajiet għat-twaħħil tal-identifikatur tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Unika tal-Vetturi Ferrovarji (URVIS, Unique Rail Vehicle Identification System) għall-vetturi ferrovarji kif previst mill-Protokoll tal-Lussemburgu. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-approvazzjoni tagħhom fil-verżjoni inizjali tagħhom hija stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/851¹⁰, u fir-rigward tal-approvazzjoni tagħhom fit-tieni verżjoni tagħhom, fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/853¹¹.

Dawn ir-regoli huma volontarji ħlief fejn liġijiet speċifiċi jeħtieġu dan; fi kwalunkwe każ, parti trid tikkonferma l-konformità ma' dawn ir-regoli jekk tixtieq tirreġistra, jew tkun il-benefiċjarju ta', kwalunkwe interess reġistrat introdott fir-Reġistru Internazzjonali tal-Protokoll tal-Lussemburgu. Skont il-punt 4.2 tar-Regoli

¹⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/851 tal-4 ta' Marzu 2024 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-12-il sessjoni tal-Kummissjoni Preparatorja għall-istabbiliment tar-Reġistru Internazzjonali għall-Vetturi Ferrovarji u fl-ewwel sessjoni tal-Awtorità Superviżorja stabbilita skont il-Protokoll tal-Lussemburgu għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji (ĠU L, 2024/851, 11.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/851/oj>).

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/853 tal-14 ta' April 2025 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tieni sessjoni tal-Awtorità Superviżorja stabbilita skont il-Protokoll tal-Lussemburgu għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji (ĠU L, 2025/853, 5.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/853/oj>).

Mudell, parti li tixtieq tkun marbuta b'dawn ir-Regoli għandha tagħmel dikjarazzjoni¹² u tinnotifika lir-Registatur b'dan.

Ir-Regoli Mudell jinħarġu taħt l-awspiċji tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Ferrovarju (SC.2) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE, United Nation Economic Commission for Europe). Fit-tielet sessjoni tiegħu (Settembru 2025), il-Kumitat tar-Reviżjoni għar-Regoli Mudell iddiskuta u qabel dwar iż-żieda ta' Appendiċi 3 ġdid dwar l-*Applikazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali għall-ġhoti ta' informazzjoni lil kreditur ta' vetturi ferrovarji b'referenza għall-identifikatur tal-URVIS*. Aktar tard, fid-79 sessjoni tiegħu (mit-12 sal-14 ta' Novembru 2025), il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Ferrovarju (SC.2) adotta l-emendi msemmija hawn fuq u qabel li l-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tar-rapport tad-79 sessjoni tal-SC.2, u talab lis-segretarjat iħejji Reviżjoni 3 konsolidata li għadha mhux uffiċjali tar-Regoli Mudell.

Il-proposta tas-Segretarjat hija li l-Awtorità Superviżorja tiegħu nota ta' dawn il-bidliet u tagħti struzzjonijiet lir-Registatur biex jippubblika r-Reviżjoni 3 tar-Regoli Mudell fuq is-sit web tar-Registatur, li b'hekk ikun jinkludi kemm ir-Reviżjoni 2 kif ukoll ir-Reviżjoni 3.

Dan is-suġġett – l-immarkar tal-vetturi ferrovarji – huwa regolat fil-livell tal-Unjoni mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773, b'mod partikolari fl-Appendiċi H, *In-Numru Ewropew tal-Vettura u l-immarkar alfabetiku fuq il-body*. L-approvazzjoni ta' dawn ir-Regoli Mudell tista' tinfluwenza b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Għalhekk, kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/851 u fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/853, l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklużiva fir-rigward tar-Regoli Mudell, skont l-Artikolu 3(2) TFUE.

2.3.2. *Reviżjoni tal-Istatuti tal-Awtorità Superviżorja*

Matul l-ewwel sessjoni tagħha, il-Kummissjoni ta' Esperti laħqet ftehimiet dwar il-mandat tagħha u tat struzzjonijiet lis-Segretarjat biex jippreżenta din il-proposta lill-Awtorità Superviżorja għall-approvazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrakkomandat li l-Awtorità Superviżorja tafdaha bl-awtorità li tistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tagħha stess, soġġett għall-approvazzjoni tal-Awtorità Superviżorja ta' aspetti speċifiċi bħall-kworum, is-šhubija, il-proċessi tal-votazzjoni u l-avviż tal-laqgħat.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, is-Segretarjat ressaq emendi tal-Istatuti tal-Awtorità Superviżorja. Dawn l-emendi jintroduċu mandat komprensiv għall-Kummissjoni ta' Esperti skont l-Artikolu 6, li jeħtieġ ukoll id-definizzjoni u l-inklużjoni tat-terminu *Proċeduri għar-Reġistru* fl-Artikolu 1, biex tiġi żgurata ċ-ċarezza, u li t-terminu *Regolamenti* jinbidel għal *Regolamenti għar-Reġistru* fl-Istatuti kollha.

L-Artikolu 6 tal-proposta jiddefinixxi l-mandat tal-Kummissjoni ta' Esperti, li *għandha tassisti [lill-Awtorità ta' Sorveljanza] fit-tweġġ tal-funzjonijiet tagħha billi tipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet, inkluż fuq inizjattiva tagħha stess*. Dan ikopri pariri u rakkomandazzjonijiet fi kwistjonijiet bħal ilmenti li jikkonċernaw: l-

¹²

“B'dan aħna nimpenjaw rwieħna li nintrabtu bir-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovarji (l-edizzjoni Ingliża) kif emendati minn żmien għal żmien, maħruġa taħt l-awspiċji tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Ferrovarju, fid-data ta' din id-dikjarazzjoni”.

operat tar-Reġistru; il-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Istati kontraenti; reviżjonijiet tar-Regoli Mudell; “*kwalunkwe kwistjoni oħra fejn l-Awtorità Superviżorja teħtieġ parir*”; jew “*kwalunkwe kwistjoni oħra riferuta lill-Kummissjoni mill-President [.] jew [mill-inqas kwart tal-membri li jaġixxu flimkien]*”.

Fir-rigward tal-kompożizzjoni u l-operazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-proposta tissuġġerixxi li tiġi stabbilita sħubija minima, ta' mhux inqas minn tliet jew ħames membri, biex jiġi evitat li l-Kummissjoni jkollha individwu wieħed biss. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha l-kompitu li tistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tagħha stess, soġġett għal rekwiżiti statutorji essenzjali dwar il-kworum, il-votazzjoni, in-notifiki tal-laqgħat u r-rappurtar. Jiżiedu wkoll dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata r-rappreżentanza tas-Segretarjat fis-sessjonijiet u biex jinġhata status ta' osservatur lir-Registatur u lid-Depożitarju, u b'hekk tiġi promossa governanza inklużiva u komprensiva fil-qafas tal-Kummissjoni.

Il-proposta tinkludi wkoll xi bidliet żgħar oħra, inklużi bidliet fit-terminoloġija, biex tiġi żgurata l-koerenza fit-test, u r-riformulazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet għal finijiet ta' kjarifika.

2.3.3. *Reviżjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità Superviżorja*

B'mod simili għall-Istatuti, ir-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità Superviżorja jikkonċernaw il-kamp ta' applikazzjoni kollu tal-attivitajiet tal-Awtorità Superviżorja, u b'hekk jinkludu kwistjonijiet li għalihom l-Unjoni hija esklużivament kompetenti, skont id-dikjarazzjoni magħmula fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/888/UE, u l-emendi tagħhom se jaffettwaw direttament il-parteċipazzjoni tal-Unjoni f'dak il-korp.

Bil-qbil tal-President, is-Segretarjat ressaq ċerti emendi tar-Regoli ta' Proċedura, biex jiżgura l-konformità mal-obbligi kuntrattwali eżistenti u l-proċeduri applikabbli, u biex itejjeb dawn ir-regoli fid-dawl tal-esperjenza miġbura mill-Awtorità Superviżorja. Il-proposta tintroduċi proċedura bil-miktub, li tottimizza l-proċess għat-tnejjija u l-approvazzjoni tal-minuti u d-deċiżjonijiet, u ttejjeb l-effiċjenza u ċ-ċarezza ġenerali tal-metodi ta' ħidma tal-Awtorità Superviżorja.

Fost il-bidliet ewlenin, ir-Regoli ta' Proċedura proposti jħassru d-definizzjoni ta' *maġġoranza kwalifikata*, li tammonta għal maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti tal-membri preżenti u li jivvutaw, u jnaqqsu l-għadd tad-deċiżjonijiet li huma soġġetti għal dan il-metodu ta' votazzjoni, billi jiddefinixxu maġġoranza sempliċi bħala l-għażla prestabbilita. Qed jiġi sostnut li r-rekwiżit għal maġġoranza kwalifikata għal kull deċiżjoni jidher sproporzjonat u li l-qafas tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandu jiġi ssimplifikat.

L-Artikolu 3 (qabel *Laqgħat* u issa bit-titolu propost ta' *Sessjonijiet u konvokazzjoni*) ġie abbozzat mill-ġdid bir-reqqa biex isir aktar ċar.

Dwar sessjonijiet straordinarji, it-test rivedut jiċċara li tali sessjonijiet, fil-prinċipju, se jissejġu bl-istess perjodi ta' avviż bħal sessjonijiet ordinarji. Jekk tali sessjoni tkun ta' natura urġenti, jistgħu japplikaw skadenzi iqsar. Huwa f'idejn il-President li jiddeċiedi jekk kwistjoni hijiex ta' natura urġenti jew le.

Rilevanti b'mod speċjali għall-Unjoni huwa l-Artikolu 4 *Rappreżentanza tal-membri*, fejn il-paragrafu dwar id-drittijiet tal-vot ta' organizzazzjoni reġjonali (jiġifieri, l-UE) tmexxa għall-Artikolu 14 u ġie rivedut.

Fir-rigward tal-Artikolu 5 (*Osservatori*), is-Segretarjat jipproponi kategorija privileġġata ta' osservatori li tinkludi entitajiet bi rwol speċifiku skont il-Protokoll tal-Lussemburgu, bħar-Reġistratur, id-Depożitarju u l-Kummissjoni ta' Esperti. Dawn ikunu *osservatori permanenti*, li jkollhom id-dritt li jattendu l-laqgħat kollha tal-Awtorità Superviżorja, dejjem taħt il-kontroll tal-President.

Fir-rigward tal-*uffiċjali* tal-Awtorità Superviżorja (il-President u ż-żewġ Viċi Presidenti) (l-Artikolu 9), il-proposta tiċċara t-tul tal-mandat tagħhom u telimina r-rekwiżit li *n-nomini għal pożizzjonijiet ta' Uffiċjali għandhom jiġu ssekondati minn membru ieħor*, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura tan-nomina.

L-Artikolu 14 tal-proposta jkopri d-*dritt tal-vot*. Kull membru għandu vot wieħed. Għal organizzazzjonijiet reġjonali, bħall-Unjoni, huwa propost li "*f'materji li jaqgħu fil-kompetenza tagħha, organizzazzjoni reġjonali għandha teżerċita n-numru ta' voti ugwali għan-numru tal-Istati Membri tagħha li huma wkoll membri. Meta organizzazzjoni reġjonali tivvota, l-Istati Membri tagħha ma għandhomx jivvutaw, u viċi versa.*"

Marbuta mal-eliminazzjoni tad-definizzjoni ta' *maġġoranza kwalifikata* hemm il-bidliet proposti għall-*kworum* (l-Artikolu 15). Skont il-proposta, il-*kworum* issa jintlaħaq b'*maġġoranza sempliċi* tal-membri, minflok *maġġoranza kwalifikata*. Il-proposta tiddikjara wkoll, speċifikament fir-rigward tal-organizzazzjonijiet reġjonali, li "*għall-fini tad-determinazzjoni ta' kworum għal kwistjonijiet fil-kompetenza ta' organizzazzjoni reġjonali, dik l-organizzazzjoni għandha tingħadd sal-limitu tan-numru ta' voti li hija intitolata tiffa' f'konformità mal-Artikolu 14(2)*".

L-Artikolu 16 *Votazzjoni u approvazzjoni taċita* ikompli jimplementa l-bidla minn *maġġoranza kwalifikata* tal-membri preżenti u li jivvutaw għal *maġġoranza sempliċi* tal-membri preżenti u li jivvutaw¹³. Barra minn hekk, u ta' sinifikat partikolari, l-Artikolu jintroduċi proċedura dettaljata għall-votazzjoni permezz ta' *proċedura bil-miktub* u *approvazzjoni taċita*. Huwa sostnut li dawn il-mekkaniżmi jtejbu l-flessibilità u l-effiċjenza tal-Awtorità Superviżorja. Il-proċedura ta' *approvazzjoni taċita* hija marbuta mal-*approvazzjoni tal-abbozz tal-baġit tar-Reġistratur* u l-*approvazzjoni tal-fattura ppreżentata mis-Segretarjat għall-forniment tal-funzjonijiet tas-segretarjat*. Għaż-żewġ proċeduri, l-iskadenza biex tingħata tweġiba hija ta' *mill-inqas ġimagħtejn*. Fir-rigward tal-proċedura bil-miktub, jekk ma jintlaħaqx il-*kworum* rigward l-għadd ta' tweġibiet, il-proposta tiġi miċħuda. Fir-rigward tal-*approvazzjoni taċita*, kif jinftiehem minn isimha, jekk sa tmiem l-iskadenza ma jkunx hemm biżżejjed *oppożizzjoni*, il-proposta titqies adottata.

L-aħħar bidla sostantiva inkluża fil-proposta hija dik li tappartjeni għall-emenda tal-Istatuti u tar-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità Superviżorja (l-Artikolu 21, *Emendar tal-Istatuti u r-Regoli*). Għal dawn l-istrumenti legali bażiċi, huwa propost li jinżamm rekwiżit ta' *maġġoranza kwalifikata (żewġ terzi)* għall-emenda tagħhom.

Kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/851 u fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/853, l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklużiva fir-rigward tal-Istatuti u r-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità Superviżorja, skont l-Artikolu 3(2) TFUE.

¹³ Hemm eċċezzjoni għal din ir-regola meta jiġu adottati Statuti jew Regoli ta' Proċedura ġodda kif stabbilit fl-Artikolu 21.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. Dwar l-aħħar verżjoni tar-Regoli Mudell

Kif intqal f'diversi okkażjonijiet preċedenti, il-Protokoll tal-Lussemburgu jeħtieġ li jibbaża fuq sistema ċara ta' identifikazzjoni u ta' mmarkar tal-vetturi ferrovjarji bbażata fuq standards internazzjonali. Dan huwa rikonoxxut fl-Artikolu XIV – *Identifikazzjoni tal-vetturi ferrovjarji għall-finijiet ta' reġistrazzjoni* tal-Protokoll tal-Lussemburgu, li fih innifsu jirreferi għall-Artikolu 18(1)(a) tal-Konvenzjoni ta' Cape Town. Ir-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovjarji jipprovdu qafas għall-assenjazzjoni tal-identifikatur tal-URVIS u għall-immarkar tiegħu fuq il-vetturi ferrovjarji. L-identifikatur tal-URVIS u l-immarkar tiegħu fuq il-vetturi ferrovjarji huma addizzjonali għas-sistemi eżistenti ta' numerazzjoni applikati f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar l-ammissjoni jew it-tħaddim ta' vetturi ferrovjarji, u ma jaffettwawhomx, u lanqas jissostitwixxu s-sistemi eżistenti ta' reġistrazzjoni jew ta' informazzjoni użati fi Stati jew fi gruppi ta' Stati għat-tħaddim ta' vetturi ferrovjarji, bħal, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, ir-Reġistru Ewropew tal-Vetturi (EVR, European Vehicle Register) u n-numru Ewropew tal-vettura (EVN, European vehicle number) regolati mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614.

L-emendi introdotti fir-*Reviżjoni 3* tar-Regoli Mudell jintroduċu l-kunċett ta' *soluzzjoni diġitali* bħala sistema fakultattiva li tippermetti lill-kredituri u lid-debituri jinkorporaw l-informazzjoni dwar il-vetturi ferrovjarji f'soluzzjoni diġitali, li tippermetti l-aċċess għall-informazzjoni msemmija. L-intenzjoni tal-emendi hija li jiġi ottimizzat it-traċċar tal-assi ferrovjarji bl-użu ta' mezzi diġitali. Dawn l-emendi ma għandhom l-ebda impatt fuq il-qafas legali fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea: jistabbilixxu qafas volontarju li jista' jorbot lill-partijiet privati fil-ftehimiet tagħhom konklużi skont il-Protokoll tal-Lussemburgu, jekk jiddeċiedu hekk.

Madankollu, id-deċiżjoni proposta mis-Segretarjat dwar dan il-punt (*li tittieħed nota tagħha u li tiġi ppubblikata*¹⁴) mhijiex appoġġata mill-qafas legali applikabbli, peress li l-Artikolu 5(8) tal-Istatuti tagħha jagħti struzzjonijiet lill-Awtorità Superviżorja biex “*tapprova r-Regoli Mudell u l-emendi tagħha.*” Meta jitqies li r-*Reviżjoni 3* disponibbli tar-Regoli Mudell għadha *mhux uffiċjali*, l-Unjoni Ewropea għandha topponi l-proposta li *jiġu ppubblikati* r-Regoli Mudell u minflok għandha tappoġġa biss *it-teħid ta' nota tar-Reviżjoni 3 il-ġdida* u tipproponi li tiġi posposta kwalunkwe azzjoni sa tali żmien li r-*Reviżjoni 3* tkun daħlet fis-seħħ. Jekk, madankollu, ir-*Reviżjoni 3* tar-Regoli Mudell tidħol fis-seħħ qabel ma ssir it-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja u tikkorrispondi għall-verżjoni mhux uffiċjali ppubblikata f'https://unece.org/sites/default/files/2026-02/ECE-TRANS-SC.2-337-Rev.3EFR_Unofficial.pdf, l-Unjoni Ewropea għandha tipproponi l-adozzjoni mill-

¹⁴ L-Awtorità Superviżorja: (1) tiegħu nota tal-modifiki għar-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovjarji li jinsabu fir-*Reviżjoni 3* ta' dawk ir-Regoli Mudell u tal-fatt li dawn il-modifiki ma għandhom l-ebda impatt fuq l-operat tar-Reġistru Internazzjonali tal-Interessi fil-Vetturi Ferrovjarji; (2) tagħti struzzjonijiet lir-Registatur biex jippubblika fuq is-sit web tiegħu referenzi għat-tieni u għat-tielet verżjoni tar-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovjarji, flimkien ma' spjegazzjoni li tindika li t-tieni verżjoni ġiet approvata mill-Awtorità Superviżorja fit-tieni sessjoni tagħha u li tiegħu nota tat-tielet verżjoni fit-tielet sessjoni tagħha, fuq il-bażi li l-modifiki adottati fit-tielet verżjoni ma għandhom l-ebda impatt fuq l-operat tar-Reġistru Internazzjonali tal-Interessi fil-Vetturi Ferrovjarji.

Awtorità Superviżorja ta' dawn ir-Regoli Mudell, f'konformità mal-Artikolu 5(8) tal-Istatuti tagħha.

3.2. Reviżjoni prevista tal-Istatuti u r-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità Superviżorja

Fil-biċċa l-kbira, l-emendi previsti tal-Istatuti ma jmorrux lil hinn minn kjarifika tal-ħidma tal-Kummissjoni ta' Esperti, bħala korp konsultattiv għall-Awtorità Superviżorja. Tali emendi huma fl-interess tal-Unjoni Ewropea, peress li jiċċaraw ir-rwol ta' dan il-korp u jiffaċilitaw il-ħidma tal-Awtorità Superviżorja. Għalhekk, qed jiġi propost li dawn l-emendi jiġu appoġġati.

Fir-rigward tar-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità Superviżorja, il-bidliet proposti huma ħafna u għandhom impatti differenti. Bidliet importanti jinkludu l-eliminazzjoni tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fl-Awtorità Superviżorja bħala l-għażla ta' votazzjoni prestabbilita, inkluża l-konsegwenza tagħha fuq il-kworum, it-tħassir tar-rekwiżit li uffiċjal tal-Uffiċċju Superviżorju jiġi ssekondat minn mill-inqas membru wieħed ieħor, u r-rilokazzjoni sistematika u l-kjarifika tad-drittijiet tal-vot tal-Unjoni. Il-maġġoranza tal-emendi previsti jidhru li jwasslu għal kjarifiki importanti u jtejbu l-proċeduri ta' ħidma tal-Awtorità Superviżorja u għalhekk jistgħu jiġu appoġġati.

Madankollu, fir-rigward tal-votazzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub u approvazzjoni taċita, l-iskadenzi biex tingħata tweġiba ("*mill-inqas gimagh'tejn*") mhumiex biżżejjed biex l-Unjoni tilħaq issewgi l-proċeduri interni meħtieġa għall-adozzjoni ta' deċiżjoni.

Sa fejn il-proċedura taċita hija limitata għall-*approvazzjoni tal-abbozz tal-baġit tar-Reġistrazzjoni u tal-fattura relatata mar-remunerazzjoni għall-forniment tal-funzjonijiet ta' segretarjat*, għandu jiġi nnutat li l-Unjoni mhijiex ikkonċernata minn kwistjonijiet baġitarji tal-Awtorità Superviżorja; għalhekk, din hija meqjusa bħala kwistjoni li l-Istati Membri iridu jiddeċiedu dwarha. Min-naħa l-oħra, jekk il-proposta għall-approvazzjoni ta' deċiżjonijiet taħt approvazzjoni taċita iżżomm l-espressjoni "*fejn l-Awtorità Superviżorja tiddeċiedi hekk*", l-Unjoni tista' ssib ruħha kkonfrontata minn deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha li ma kellha l-ebda possibbiltà li tirrifjuta; barra minn hekk, l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet taħt approvazzjoni taċita għandha tkun limitata għal każijiet eċċezzjonali.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-iskadenzi għall-proċedura bil-miktub għandhom jinbidlu għal "*mill-inqas 10 ġimgħat*", u l-possibbiltajiet li d-deċiżjonijiet jiġu adottati b'approvazzjoni taċita jkunu limitati għall-*approvazzjoni tal-abbozz tal-baġit tar-Reġistrazzjoni u tal-fattura relatata mar-remunerazzjoni għall-forniment tal-funzjonijiet ta' segretarjat*.

Għalhekk qed jiġi propost li tiġi appoġġata l-approvazzjoni tal-emendi tal-Istatuti u tar-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità Superviżorja, soġġett għall-modifiki deskritti hawn fuq.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati*

f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta' *atti li jkollhom effetti legali* jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effetti vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”¹⁵.

4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-Awtorità Superviżorja hija korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta' Cape Town (l-Artikolu 17) u l-Protokoll tal-Lussemburgu, f'konformità mal-Artikolu XII tagħha.

L-atti li l-Awtorità Superviżorja hija mitluba tadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. L-ewwel nett, kwalunkwe azzjoni dwar ir-Regoli Mudell tista' tinfluwenza b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri d-Direttiva (UE) 2016/797, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614. It-tieni, l-approvazzjoni tal-Istatuti u r-Regoli ta' Proċedura riveduti tal-Awtorità Superviżorja se jkollha effetti legali peress li dawn se jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-funzjonament tal-Protokoll tal-Lussemburgu, li tingħata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/888/UE.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas ma jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. **Bażi legali sostantiva**

4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u l-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissegjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettivi ewlieni u l-kontenut tal-atti previsti jirrigwardaw it-trasport bil-ferrovija. Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 91 tat-TFUE.

¹⁵ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 91 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja stabbilita skont l-Artikolu XII tal-Protokoll tal-Lussemburgu għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Vetturi Ferrovjarji

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni approvat il-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Vetturi Ferrovjarji (“il-Konvenzjoni ta’ Cape Town”), adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta’ Frar 2007 (“il-Protokoll tal-Lussemburgu”), skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/888/UE tal-4 ta’ Diċembru 2014⁽¹⁾, u kisbet l-istatus ta’ Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika skont dak il-Protokoll.
- (2) L-Awtorità Superviżorja tal-Protokoll tal-Lussemburgu tista’ tirrevedi l-Istatuti u r-Regoli ta’ Proċedura tagħha stess, f’konformità mal-Artikolu 12 tal-Istatuti u l-Artikolu 18 tar-Regoli ta’ Proċedura. L-awtorità Superviżorja hija meħtieġa wkoll tadotta r-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovjarji, f’konformità mal-Artikolu 5(8) tal-Istatuti tagħha.
- (3) Matul it-tielet sessjoni tagħha tal-14 ta’ April 2026, fost punti oħra tal-aġenda, l-Awtorità Superviżorja tal-Protokoll tal-Lussemburgu hija mistennija tirrevedi l-Istatuti u r-Regoli ta’ Proċedura tagħha u tiegħu nota tar-Regoli Mudell aġġornati (Reviżjoni 3) dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovjarji, żviluppata taħt l-awspicċi tal-Grupp ta’ Ħidma dwar it-Trasport Ferrovjarju (SC.2) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE, United Nation Economic Commission for Europe).
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fl-Awtorità Superviżorja, peress li kull azzjoni li tikkonċerna r-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovjarji li tittieħed mill-Awtorità Superviżorja tista’ tinfluwenza b’mod determinanti l-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/888/UE tal-4 ta’ Diċembru 2014 dwar l-approvazzjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq Tagħmir Mobbli għal Kwistjonijiet Speċifiċi tal-Vetturi Ferrovjarji, adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta’ Frar 2007, (ĠU L 353, 10.12.2014, p. 9, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2014/888/oj>).

Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea⁽²⁾, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika ta' interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "operat u għestjoni tat-traffiku" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea⁽³⁾ u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 tal-25 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁴⁾. Barra minn hekk, l-emendi tal-Istatuti u r-Regoli ta' Proċedura li għandhom jiġu adottati mill-Awtorità Superviżorja jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-parteċipazzjoni tal-Unjoni f'dak il-korp.

- (5) Fir-rigward tad-deċiżjoni proposta mis-Segretarjat li tittieħed nota u li tiġi ppubblikata¹⁶ verżjoni ġdida tar-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovjarji, irid jiġi nnutat li din il-proposta mhijiex appoġġata mill-qafas legali tal-Awtorità Superviżorja, peress li l-Artikolu 5(8) tal-Istatuti tagħha jirrikjedu li l-Awtorità Superviżorja "tapprova r-Regoli Mudell u l-emendi tagħha." Meta jitqies li r-Reviżjoni 3 tar-Regoli Mudell għadha ma daħlitx fis-seħħ, jenħtieġ li l-proposta li jiġu ppubblikati dawn ir-Regoli Mudell ma tiġix appoġġata. L-Unjoni Ewropea jenħtieġ pjuttost li tappoġġa biss it-tehíd ta' nota tar-Reviżjoni 3 l-ġdida u tipproponi li tiġi posposta kwalunkwe azzjoni sakemm tidħol fis-seħħ ir-Reviżjoni 3. Jekk ir-Reviżjoni 3 tar-Regoli Mudell tidħol fis-seħħ qabel ma ssir it-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja u tikkorrispondi għall-verżjoni mhux uffiċjali ppubblikata fuq is-sit web tal-UNECE¹⁷, l-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tipproponi l-adozzjoni mill-Awtorità Superviżorja ta' dawn ir-Regoli Mudell.
- (6) Fil-bieċa l-kbira, l-emendi proposti tal-Istatuti tal-Awtorità Superviżorja ma jmorrux lil hinn minn kjarifika tal-ħidma tal-Kummissjoni ta' Esperti, bħala korp konsultattiv għall-Awtorità Superviżorja. Tali emendi huma fl-interess tal-Unjoni Ewropea, peress li jiċċaraw ir-rwol ta' dan il-korp u jiffaċilitaw il-ħidma tal-Awtorità Superviżorja, u għalhekk jenħtieġ li jiġu appoġġati.
- (7) Il-modifiki proposti għar-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità Superviżorja huma ħafna u għandhom impatti differenti. Bidliet importanti jinkludu l-eliminazzjoni tal-votazzjoni

⁽²⁾ Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (riformulazzjoni) (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/797/oj>).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika ta' interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "operat u għestjoni tat-traffiku" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni 2012/757/UE (ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/773/oj).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 tal-25 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda u tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE (ĠU L 268, 26.10.2018, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2018/1614/oj).

¹⁶ *L-Awtorità Superviżorja: (1) tieġu nota tal-modifiki għar-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovjarji li jinsabu fir-Reviżjoni 3 ta' dawk ir-Regoli Mudell u tal-fatt li dawn il-modifiki ma għandhom l-ebda impatt fuq l-operat tar-Reġistru Internazzjonali tal-Interessi fil-Vetturi Ferrovjarji; (2) tagħti struzzjonijiet lir-Registatur biex jippubblika fuq is-sit web tiegħu referenzi għat-tieni u għat-tielet verżjoni tar-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovjarji, flimkien ma' spjegazzjoni li tindika li t-tieni verżjoni ġiet approvata mill-Awtorità Superviżorja fit-tieni sessjoni tagħha u li tiegħet nota tat-tielet verżjoni fit-tielet sessjoni tagħha, fuq il-bażi li l-modifiki adottati fit-tielet verżjoni ma għandhom l-ebda impatt fuq l-operat tar-Reġistru Internazzjonali tal-Interessi fil-Vetturi Ferrovjarji.*

¹⁷ https://unece.org/sites/default/files/2026-02/ECE-TRANS-SC.2-337-Rev.3EFR_Unofficial.pdf.

b'maġġoranza kwalifikata fl-Awtorità Superviżorja bħala l-għażla ta' votazzjoni prestabbilita, inkluża l-konsegwenza tagħha fuq il-kworum, it-tħassir tar-rekwiżit li uffiċjal tal-Uffiċċju Superviżorju jiġi ssekondat minn mill-inqas membru wieħed ieħor, u r-rilokazzjoni sistematika u l-kjarifika tad-drittijiet tal-vot tal-Unjoni. Il-maġġoranza tal-emendi previsti jwasslu għal kjarifiki importanti u jtejbu l-proċeduri ta' ħidma tal-Awtorità Superviżorja. Madankollu, ir-regoli dwar il-votazzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub u approvazzjoni taċita jistabbilixxu skadenzi qosra ħafna, li b'mod ċar mhumiex biżżejjed biex jippermettu l-proċeduri interni meħtieġa għall-adozzjoni ta' deċiżjoni, u s-suġġetti li fuqhom tista' tiġi adottata deċiżjoni b'approvazzjoni taċita jenħtieġ li jiġu definiti b'mod ċar u espliċitu. L-emendi tar-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità Superviżorja jenħtieġ għalhekk li jiġu appoġġati, soġġetti għal ċerti modifiki fir-rigward tar-regoli dwar il-votazzjoni skont il-proċedura bil-miktub u l-approvazzjoni taċita,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovjarji adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007 hija stabbilita fl-Anness.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-laqgħa tal-Awtorità Superviżorja jistgħu jaqblu fuq xi tibdil minuri fil-pożizzjonijiet imsemmija fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri mill-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*